**Kawża C-776/22 P**

**Studio Legale Ughi e Nunziante**
**vs**
**L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea**

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-4 ta' Settembru 2025**

"Appell – Rikors għal annullament – Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea – Rappreżentanza tal-partijiet mhux ipprivileġġati fil-kuntest ta' rikors dirett quddiem il-qrati tal-Unjoni Ewropea – Rappreżentanza ta' uffiċċju tal-avukati minn soċju ta' dan l-uffiċċju – Avukat li ma għandux il-kwalità ta' terz fir-rigward tar-rikorrent – Preżunzjoni ta' indipendenza – Konfutazzjoni tal-preżunzjoni – Kundizzjonijiet"

1. *Proċedura ġudizzjarja – Rikors promotur – Rekwiżiti formali – Kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-firmatarju – Kwalità ta' terz fir-rigward tal-partijiet – Rekwiżit ta' indipendenza – Rappreżentanza ta' uffiċċju tal-avukati minn soċju ta' dan l-uffiċċju – Ammissibbiltà*
   *(Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-tielet u r-raba' paragrafu tal-Artikolu 19; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 51(1))*

   (ara l-punti 49 sa 52, 58 sa 62, u 64 sa 69)

2. *Proċedura ġudizzjarja – Rikors promotur – Rekwiżiti formali – Kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-firmatarju – Kwalità ta' terz fir-rigward tal-partijiet – Rappreżentanza ta' persuna ġuridika minn avukat – Ksur tar-rekwiżiti formali – Motiv ta' ordni pubbliku – Obbligu tal-Qorti Ġenerali li tavża lir-rikorrent bl-irregolarità – Regolarizzazzjoni possibbli bil-ħatra ta' avukat ġdid*
   *(Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikoli 19 u 21; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali Artikoli 51(2) sa (4), u 78(1) sa(6))*

   (ara l-punti 70 sa 80)

## Sunt

Adita b'appell, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, annullat id-digriet tal-Qorti Ġenerali fil-kawża Studio Legale Ughi e Nunziante vs EUIPO[1]. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat sa fejn uffiċċju tal-avukati jista' jiġi rrappreżentat quddiem il-qorti tal-Unjoni minn avukat soċju ta' dan l-uffiċċju. Barra minn hekk, hija tat deċiżjoni dwar il-portata tar-rekwiżit ta' indipendenza tar-rappreżentanti tal-partijiet mhux ipprivileġġati u dwar il-possibbiltà għal parti li tirregolarizza rikors li ma jissodisfax dan ir-rekwiżit.

Fis-26 ta' Settembru 2017, Studio Legale Ughi e Nunziante, assoċjazzjoni professjonali rregolata mid-dritt Taljan (iktar 'il quddiem l-"uffiċċju tal-avukati"), ressaq quddiem l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) talba għal revoka tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea UGHI E NUNZIANTE għas-servizzi kollha li għalihom din it-trade mark kienet ġiet irreġistrata.

Permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2021, id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-EUIPO laqgħet din it-talba għas-servizzi kollha, bl-eċċezzjoni tas-"servizzi legali"[2]. Fl-1 ta' Marzu 2021, l-uffiċċju tal-avukati ppreżenta appell quddiem l-EUIPO kontra din id-deċiżjoni, li ġie miċħud permezz ta' deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' April 2022.

Għaldaqstant, l-uffiċċju tal-avukati ppreżenta rikors quddiem il-Qorti Ġenerali intiż għall-annullament ta' dik id-deċiżjoni. Permezz tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-rikors bħala manifestament inammissibbli. Fil-fatt, hija kkonstatat li l-uffiċċju tal-avukati kien irrappreżentat minn tliet avukati li kienu jeżerċitaw l-attività tagħhom fi ħdanu bħala soċji u li din il-kwalità ma kinitx kompatibbli mar-rekwiżiti ta' indipendenza meħtieġa sabiex dan l-uffiċċju jiġi rrappreżentat quddiem il-qrati tal-Unjoni. B'mod iktar konkret, skont il-Qorti Ġenerali, dawn l-avukati ma kellhomx il-kwalità ta' terz indipendenti fir-rigward tar-rikorrent. Barra minn hekk, hija ddeċidiet li dan in-nuqqas ma setax jiġi rregolarizzat. Kien f'dan il-kuntest li l-uffiċċju tal-avukati ppreżenta appell kontra dan id-digriet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li r-rappreżentanza tal-partijiet mhux ipprivileġġati quddiem il-qrati tal-Unjoni għandha tissodisfa żewġ kundizzjonijiet kumulattivi. Minn naħa, dawn il-partijiet għandhom ikunu rrappreżentati minn avukat, u, min-naħa l-oħra, huwa biss avukat li jkun awtorizzat jipprattika quddiem qorti ta' Stat Membru jew ta' Stat ieħor li huwa parti mill-Ftehim ŻEE li jista' jirrappreżenta jew jassisti parti quddiem il-qrati tal-Unjoni[3].

Fir-rigward tal-kundizzjoni dwar l-awtorizzazzjoni tal-avukat sabiex jipprattika quddiem il-qrati ta' Stat Membru, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li hija diġà ddeċidiet li s-sens u l-portata ta' din il-kundizzjoni għandhom jiġu interpretati b'riferiment għad-dritt nazzjonali kkonċernat[4]. Peress li f'dan il-każ l-avukati mqabbda mill-uffiċċju tal-avukati kellhom l-awtorizzazzjoni sabiex

[1] Digriet tal-10 ta' Ottubru 2022, Studio Legale Ughi e Nunziante vs EUIPO - Nunziante u Ughi (UGHI E NUNZIANTE) (T-389/22, EU:T:2022:662) (iktar 'il quddiem id-"digriet appellat").

[2] Dawn kienu servizzi li jaqgħu fil-klassi 45, fis-sens tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat.

[3] Kundizzjonijiet imsemmija rispettivament fit-tielet u fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem l-"Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja").

[4] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Frar 2020, Uniwersytet Wrocławski u Il-Polonja vs REA (C-515/17 P u C-561/17 P, EU:C:2020:73, punt 56), kif ukoll tal-14 ta' Lulju 2022, Universität Bremen vs REA (C-110/21 P, EU:C:2022:555, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

jipprattikaw quddiem il-qrati Taljani, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l- Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li r-rikors fl-ewwel istanza ma kienx ġie ppreżentat konformement ma' din il-kundizzjoni.

Fir-rigward tal-kundizzjoni li tikkonsisti fl-obbligu għall-partijiet mhux ipprivileġġati li jkunu rrappreżentati minn avukat, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li din il-kundizzjoni timponi l-osservanza ta' żewġ rekwiżiti. Minn naħa, hija tipprojbixxi l-"awtorappreżentazzjoni", jiġifieri li dawn il-partijiet fl-ebda każ ma jistgħu jirrappreżentaw lilhom infushom, u dan mingħajr ma hija prevista deroga jew eċċezzjoni mill-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jew mir-Regoli tal-Proċedura tagħha. Min-naħa l-oħra, hija timponi fuq ir-rappreżentanti ta' tali partijiet l-osservanza tar-rekwiżit ta' indipendenza, li huwa ddefinit kemm b'mod negattiv, jiġifieri mill-assenza ta' kull relazzjoni ta' impjieg, ikkaratterizzata mill-eżistenza ta' rabta ta' subordinazzjoni bejn parti u r-rappreżentant tagħha, kif ukoll b'mod pożittiv, b'riferiment għall-etika u għar-regoli professjonali. F'dan ir-rigward, kull avukat, indipendentement mill-forma li fiha huwa jeżerċita l-professjoni tiegħu, awtorizzata mil-liġijiet, mir-regoli professjonali u mir-regoli ta' etika applikabbli, huwa preżunt li jissodisfa r-rekwiżit ta' indipendenza li jirriżulta minn din il-kundizzjoni, ħlief jekk tkun teżisti rabta ta' subordinazzjoni bejn il-parti kkonċernata u l-imsemmi avukat li hija qabbdet sabiex jirrappreżentaha.

Fil-fatt, dan ir-rekwiżit ta' indipendenza jippresupponi neċessarjament l-assenza ta' kull relazzjoni ta' impjieg, ikkaratterizzata mill-eżistenza ta' rabta ta' subordinazzjoni, bejn il-parti u r-rappreżentant li hija tkun qabbdet. Għaldaqstant, il-preżunzjoni ta' indipendenza ma tapplikax meta teżisti tali relazzjoni ta' impjieg. Dan ikun il-każ, b'mod partikolari, fl-ipoteżi fejn avukati li, konformement mad-dritt nazzjonali applikabbli, jeżerċitaw il-professjoni tagħhom bħala impjegati tal-uffiċċju li jimpjegahom, jirrappreżentaw lil dan tal-aħħar quddiem il-qrati tal-Unjoni. L-istess japplika fil-każ fejn avukati tal-kumpanniji (in-house lawyers), membri tal-Kamra tal-Avukati ta' Stat Membru u ammessi, skont id-dritt nazzjonali ta' dan l-Istat Membru, sabiex jirrappreżentaw quddiem il-qrati nazzjonali lill-persuna ġuridika li magħha huma marbuta permezz ta' relazzjoni ta' impjieg, ikollhom jirrappreżentaw lil din il-persuna quddiem il-qrati tal-Unjoni. Minbarra l-każijiet fejn ikun hemm relazzjoni ta' impjieg, il-preżunzjoni ta' indipendenza tapplika u tista' tiġi kkonfutata biss meta minn elementi konkreti jirriżulta li bejn il-parti kkonċernata u r-rappreżentant li hija tkun qabbdet jeżistu rabtiet li jippreġudikaw manifestament il-kapaċità ta' dan ir-rappreżentant li jiżgura l-kompitu tiegħu billi jservi bl-aħjar mod l-interessi tal-klijent tiegħu jew meta l-imsemmi rappreżentant ma josservax ir-regoli professjonali u ta' etika nazzjonali applikabbli.[5].

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, meta avukati jkollhom il-kwalità ta' soċji fi ħdan l-uffiċċju li huma jirrappreżentaw quddiem il-qrati tal-Unjoni, dan il-fatt ma jistax fih innifsu jitqies li huwa inkompatibbli mar-rekwiżit ta' indipendenza. Fil-fatt, minn naħa, tali ċirkustanza ma tistax tiġi assimilata ma' dik fejn teżisti relazzjoni ta' impjieg. Min-naħa l-oħra, fl-assenza ta' elementi konkreti li jistabbilixxu l-eżistenza ta' rabtiet bejn l-uffiċċju u s-soċju maħtur bħala r-rappreżentant tiegħu, li jippreġudikaw manifestament il-kapaċità ta' dan tal-aħħar li jiżgura l-kompitu ta' rappreżentanza tiegħu, billi jservi bl-aħjar mod l-interessi tal-parti kkonċernata, jew in-nuqqas ta' osservanza mill-imsemmi soċju tar-regoli professjonali u ta' etika nazzjonali applikabbli, il-preżunzjoni ta' indipendenza tal-avukat soċju ma tistax titqies li hija kkonfutata.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali injorat il-portata tar-rekwiżit ta' indipendenza u wettqet żball ta' liġi.

[5] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Frar 2020, Uniwersytet Wrocławski u Il-Polonja vs REA (C-515/17 P u C-561/17 P, EU:C:2020:73, punt 64).

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li kull ċirkustanza li tirrigwarda l-ammissibbiltà tar-rikors għal annullament ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, fosthom dik dwar ir-rappreżentanza ta' persuna ġuridika minn avukat għall-preżentata ta' dan ir-rikors, tista' tikkostitwixxi motiv ta' ordni pubbliku li għandu jitqajjem *ex officio* mill-qorti tal-Unjoni[6]. Il-fatt li tali rikors ma jkunx ġie ppreżentat konformement mar-rekwiżiti stabbiliti mit-tielet paragrafu tal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jikkostitwixxi tali ċirkustanza. Madankollu, l-obbligu li jitqajjem *ex officio* motiv ta' ordni pubbliku huwa bla ħsara għar-rispett tad-drittijiet tad-difiża u konsegwentement, bħala prinċipju, il-qorti għandha tistieden minn qabel lill-partijiet sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq dan il-motiv.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-Qorti Ġenerali sempliċement ikkonstatat li r-rikorrent kien uffiċċju tal-avukati li kien qabbad, sabiex jirrappreżentah, tliet avukati li kienu jeżerċitaw l-attività tagħhom fi ħdanu, bħala soċji, u minn dan siltet il-konklużjoni, żbaljata fid-dritt, li dawn l-avukati ma setgħux jirrappreżentaw lil dan l-uffiċċju f'kundizzjonijiet kompatibbli mal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, peress li tali inkompatibbiltà ma setgħetx, barra minn hekk, skont il-Qorti Ġenerali, tiġi rregolarizzata wara l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors.

Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali kellha tivverifika, possibbilment billi tirrikorri għall-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, l-ewwel nett, jekk kienx hemm relazzjoni ta' impjieg bejn dawn it-tliet avukati u l-uffiċċju tal-avukati. Fl-assenza ta' tali relazzjoni ta' impjieg, kienu biss elementi konkreti, li jistabbilixxu jew li r-rabtiet bejn l-uffiċċju tal-avukati u l-avukati assoċjati li kienu jirrappreżentawh kienu ta' natura li jippreġudikaw manifestament il-kapaċità tagħhom li jiżguraw il-kompitu tagħhom, jew li l-imsemmija avukati ma kinux josservaw ir-regoli professjonali u ta' etika nazzjonali applikabbli, li kienu jippermettu li jiġi konkluż li kien hemm assenza ta' indipendenza, fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Qorti Ġenerali kellha, qabel ma tiddeċiedi dwar dan is-suġġett, tistieden lir-rikorrent jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu, sabiex tiġi ggarantita l-effettività tad-drittijiet tad-difiża tiegħu. Fl-aħħar nett, jekk hija qieset li r-rekwiżit ta' indipendenza ma kienx issodisfatt, il-Qorti Ġenerali kellha, qabel ma tikkonstata l-inammissibbiltà tar-rikors, tistieden lir-rikorrent jaħtar avukat ġdid. Fil-fatt, fid-dawl tal-gravità tal-konsegwenzi li jirriżultaw minn ksur tal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tar-rikorrent, jiġifieri d-dikjarazzjoni irrimedjabbli ta' inammissibbiltà tar-rikors tiegħu, dan għandu jkun jista', wara li jkun seta' jkun jaf l-elementi li jiġġustifikaw, skont il-Qorti Ġenerali, deċiżjoni ta' inammissibbiltà u li jesprimi ruħu fuq dawn l-elementi, ikun f'pożizzjoni li jaħtar avukat ġdid.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li mir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali[7] jirriżulta li parti ma għandhiex tiġi ssanzjonata bl-inammissibbiltà tar-rikors tagħha mingħajr ma tkun ġiet mistiedna minn qabel tirregolarizza s-sitwazzjoni, minħabba li r-rikors tagħha ma jissodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa[8]. Minn dawn ir-Regoli tal-Proċedura[9] jirriżulta wkoll li l-istess japplika minħabba aġir ta' avukat meqjus inkompatibbli mad-dinjità tal-Qorti Ġenerali jew

6 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Frar 2024, Pilatus Bank vs BĊE (C-256/22 P, EU:C:2024:125, punti 34 u 36 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

7 Artikolu 78(6) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, moqri flimkien mal-Artikolu 51(2) sa (4) tagħhom.

8 Il-kundizzjonijiet huma stabbiliti fl-Artikolu 78 (1) sa (5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

9 Artikolu 55(1) u (3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja matul il-proċedura. Fil-fatt, f'tali ipoteżijiet, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-imsemmija Regoli tal-Proċedura jiggarantixxu l-kontinwità tal-proċedura billi jipprevedu, skont il-każ, li l-parti kkonċernata tista' tipproduċi d-dokumenti meħtieġa jew taħtar rappreżentant ġdid, f'terminu raġonevoli stabbilit mir-Reġistru. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jistabbilixxix b'mod limitattiv l-ipoteżijiet ta' regolarizzazzjoni ta' rikors u barra minn hekk hija nnotat li hija diġà kellha l-okkażjoni li tqis, mingħajr ma dan huwa preklużż minn l-Artikolu 21, li rikorrent għandu jiġi mistieden jirregolarizza r-rikors fil-każ ta' preżentata ta' rikors iffirmat mir-rikorrent stess [10].

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li mill-prassi attwali tal-Istati Membri jirriżulta li, fl-ipoteżi fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi li l-validità tal-atti proċedurali ta' parti tkun ikkontestata minħabba nuqqas ta' osservanza tar-regoli dwar ir-rekwiżit ta' indipendenza tar-rappreżentant ta' din il-parti, dan in-nuqqas jista' tal-inqas ikun is-suġġett ta' regolarizzazzjoni fil-mori tal-kawża.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-digriet appellat u bagħtet lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali.

[10] Ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-5 ta' Diċembru 1996, Lopes vs Il-Qorti tal-Ġustizzja (C-174/96 P, EU:C:1996:473, punt 3).